# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-24 ta' Marzu 2011

## dwar l-allokazzjoni ta' kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati li għandhom permess li jiġu impurtati jew prodotti għal użi tal-laboratorju u dawk analitiċi fl-Unjoni fl-2011 skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1819)*

**(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Olandiż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż u bit-Taljan biss huma awtentiċi)**

(2011/184/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 (2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni diġà temmet gradwalment il-produzzjoni u l-konsum tas-sustanzi kkontrollati għal biċċa l-kbira tal-użi. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina l-kwantititajiet ta' sustanzi kkontrollati minbarra l-idroklorofluworokarbonji li jistgħu jintużaw għal użi essenzjali tal-laboratorju u dawk analitiċi, u l-kumpaniji li jistgħu jużawhom.

(2) Il-Kummissjoni ppubblikat Avviż għall-impriżi li beħsiebom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2011, u l-impriżi li għall-2011, beħsiebhom jitolbu kwota għal dawn is-sustanzi maħsuba għal użi tal-laboratorju u dawk analitiċi, u rċeviet dikjarazzjonijiet dwar l-użi essenzjali tal-laboratorju u dawk analitiċi [2] ta' sustanzi kkontrollati maħsuba għall-2011.

(3) Id-determinazzjoni tal-kwoti allokati għandha tiżgura li jiġu rrispettati l-limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikoli 10(6). Minħabba li dawk il-limiti kwantitattivi jinkludu kwantitajiet ta' idroklorofluworokarbonji li huma linċenzjati għal użi tal-laboratorju u dawk analitiċi, il-produzzjoni u l-importazzjoni tal-idroklorofluworokarbonji għal dawk l-użi għandhom ukoll jiġu koperti b'din id-Deċiżjoni.

(4) Il-kwantità li tirriżulta mit-tnaqqis tal-kwantitajiet allokati lill-impriżi li pproduċew jew impurtaw bil-liċenzja fis-snin bejn l-2007 u l-2009, mill-kwantità massima ta' 110 tunnellata ODP għandhom jiġu allokati lill-impriżi li għalihom ma nħarġet l-ebda liċenzja ta' produzzjoni jew ta' importazzjoni matul il-perjodu ta' referenza bejn l-2007 u l-2009. Il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni għandu jiżgura li l-impriżi kollha li jitolbu kwota ġdida jirċievu parti xierqa mill-kwantitajiet li għandhom jiġu allokati.

(5) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwoti għall-importazzjoni u l-produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi tal-laboratorji u dawwk analitiċi fis-sena 2011 għandhom jiġu allokati lill-impriżi elenkati fl-Anness I.

Il-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu prodotti jew importati fl-2011 għal użi analitiċi u tal-laboratorju allokati lil dawn l-impriżi huma stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011 u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-impriżi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| ABCR Dr. Braunagel GmbH & Co.<br>Im Schlehert 10<br>76187 Karlsruhe<br>Il-Ġermanja | Acros Organics bvba<br>Janssen Pharmaceuticalaan 3a<br>2440 Geel<br>Il-Belġju |

[1] ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.
[2] ĠU C 107, 27.4.2010, p. 20.

| | |
|---|---|
| Airbus Operations S.A.S.<br>Route de Bayonne 316<br>31300 Toulouse<br>Franza | Arkema France S.A.<br>420, rue d'Estienne D'Orves<br>92705 Colombes Cedex<br>Franza |
| Bayer CropScience AG (DEU)<br>Gebäude A729<br>41538 Dormagen<br>Il-Ġermanja | Eras Labo (FRA)<br>222 D1090<br>38330 Saint-Nazaire-les-Eymes<br>Franza |
| Harp International Ltd<br>Gellihirion Industrial Estate<br>Rhondda, Cynon Taff<br>Pontypridd CF37 5SX<br>Ir-Renju Unit | Honeywell Fluorine Products Europe BV<br>Laarderhoogtweg 18<br>1101 EA Amsterdam<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| Honeywell Specialty Chemicals GmbH<br>Wunstorfer Strasse 40<br>Postfach 100262<br>30918 Seelze<br>Il-Ġermanja | LGC Standards GmbH<br>Mercatorstr. 51<br>46485 Wesel<br>Il-Ġermanja |
| Mallinckrod Baker BV<br>Teugseweg 20<br>7418 AM Deventer<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi | Mebrom NV<br>Assenedestraat 4<br>9940 Rieme Ertvelde<br>Il-Belġju |
| Merck KGaA<br>Frankfurter Strasse 250<br>64271 Darmstadt<br>Il-Ġermanja | Mexichem UK Ltd (ex Ineos Fluor)<br>PO Box 13<br>The Heath, Runcorn Cheshire WA7 4QX<br>Ir-Renju Unit |
| Ministry of Defence<br>Defence Fuel Lubricants and Chemicals<br>P.O. Box 10 000<br>1780 CA Den Helder<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi | Panreac Quimica S.A.<br>Pol. Ind. Pla de la Bruguera, C/Garraf 2<br>08211 Castellar del Vallès-Barcelona<br>Spanja |
| Sicor Spa<br>Via Terazzano 77<br>20017 Rho<br>L-Italja | Sigma Aldrich Chimie SARL<br>80, rue de Luzais<br>L'isle d'abeau Chesnes<br>38297 St Quentin Fallavier<br>Franza |
| Sigma Aldrich Company Ltd<br>The Old Brickyard, New Road<br>Gillingham SP8 4XT<br>Ir-Renju Unit | Sigma Aldrich Laborchemikalien GmbH<br>Wunstorfer Strasse 40<br>Postfach 100262<br>30918 Seelze<br>Il-Ġermanja |
| Sigma Aldrich Logistik GmbH<br>Riedstrasse 2<br>89555 Steinheim<br>Il-Ġermanja | Solvay Fluor GmbH<br>Hannover Hans-Boeckler-Allee 20<br>30173 Hannover<br>Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Stockholm University<br>Department of Applied Environmental Science (ITM)<br>10691 Stockholm<br>L-Isvezja | Tazzetti Fluids S.r.l.<br>Corso Europa n. 600/a<br>I - Volpiano (TO)<br>L-Italja |
| VWR International S.A.S.<br>201 rue Carnot<br>94126 Fontenay-sous-bois<br>Franza | |

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Connie HEDEGAARD
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Impriżi intitolati li jipproduċu jew jimpurtaw għal użi tal-laboratorju u dawk analitiċi**

Il-kwoti tas-sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw għal użi tal-laboratorju u dawk analitiċi huma allokati lil:

| **Kumpanija** |
|---|
| ABCR Dr. Braunagel GmbH & Co [DE] |
| Acros Organics bvba [BE] |
| Airbus Operations SAS [FR] |
| Arkema France S.A. [FR] |
| Bayer CropScience AG [DE] |
| Eras Labo [FR] |
| Harp International Ltd [UK] |
| Honeywell Fluorine Products Europe BV [NL] |
| Honeywell Specialty Chemicals GmbH [DE] |
| LGC Standards GmbH [DE] |
| Mallinckrod Baker BV [NLD] |
| Mebrom NV [BE] |
| Merck KGaA [DE] |
| Mexichem UK Ltd (ex Ineos Fluor) [UK] |
| Ministry of Defence [NL] |
| Panreac Quimica SAU [ES] |
| Sicor Spa [IT] |
| Sigma Aldrich Chimie SARL [FR] |
| Sigma Aldrich Company Ltd [UK] |
| Sigma Aldrich Laborchemikalien GmbH [DE] |
| Sigma Aldrich Logistik GmbH [DE] |
| Solvay Fluor GmbH [DE] |
| Stockholm University [SE] |
| Tazzetti Fluids S.r.l. [IT] |
| VWR Intern. SAS [FR] |

*ANNESS II*

Dan l-Anness mhux ippubblikat minħabba li fih informazzjoni kummerċjali sensittiva.